**Kunsill Reġjun Punent**
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **50**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar L-Erbgħa 18 ta' Ġunju, 2025 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:30 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Julian Borg |
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |
| Ħal Safi | Sindku s-Sur Johan Mula |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Ħad-Dingli: | Sindku is-Sur Raymond Schembri |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zmmit |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:50 ta' filgħaxija.

**50.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

50.01.01 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri u is-Sindku ta' Ħal-Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit.

**50.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 49;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 49 li saret nhar id-19 ta' Mejju 2025.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal- Qrendi is-Sur David Michael Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**50.03 Punti mqajjma mill-Minuti**

**50.04 Kommunikazzjoni mill-President**

50.04.01 Nhar id-19.05.25 ġejna infurmati mid-Diviżjoni sabiex niġbru r-Reġistri Elettorali għall-Kunsilli Lokali – 2025.

50.04.02 Nhar id-19.05.25 irċevejna sabiex nagħtu aġġornament fuq il-proġetti relatata ma' SPI/SCI/10/2022 dwar l-iżvilupp u t-titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex

50.04.03 Nhar id-19.05.25 irċevejna mid-Dipartiment tal-Kuntratti l-Addendum No: 3 iffirmat mid-Direttur Ġenerali.

50.04.04 Nhar l-20.05.25 ġejna infurmati li l-Managers Forum li kien ser issir nhar l-20.06.25 se jiġi pospost għal nhar il-25.06.25.

50.04.05 Nhar l-20.05.25 irċevejna Save the Date – CHeriSH Workshop | 16th June 2025. Id-Dipartiment tax-Xogholijiet pubbliċi b'kollaborazzjoni mal-Climate Match TSI u l-Università ta' Malta, stieden żewġ individwi għal Workshop CHeriSH "Salvagwardji tal-Patrimonju Kulturali Kontra l-Perikli" f'Malta. Dan il-workshop jimmarka pass importanti fl-iżvilupp ta' qafas għall-valutazzjoni tar-riskju tal-klima bbażata fuq il-valur tal-wirt kulturali kostali f'Malta. Hija għandha l-għan li tirrevedi l-qafas preliminari, żviluppat mit-Tim CHeriSH, id f'id mal-utenti u l-partijiet interessati tiegħu, biex trawwem sens ta' *ownership* u jadatta l-qafas għall-flussi tax-xogħol u l-prattiċi attwali tal-partijiet interessati ewlenin.

50.04.06 Nhar l-20.05.25 irċevejna stedina għal Konferenza Internazzjonali dwar "Multilevel Governance Approaches to Address Environmental Challenges" organizzata taħt il-Presidenza Maltija tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, b'kooperazzjoni maċ-Ċentru ta' Kompetenza għal Multilevel Governance fil-Kungress. Din il-Konferenza Internazzjonali għandha l-għan li tenfasizza eżempji effettivi ta' kollaborazzjoni ta' governanza f'diversi livelli fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki ambjentali

koerenti li ser tkun nhar it-13.06.25.

50.04.07 Nhar l-20.05.25 irċevejna stedina għal Seminar "Women in Politics" organizzat taħt il-Presidenza Maltija tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, b'kooperazzjoni maċ-Ċentru ta' Esperti għall-Governanza f'diversi livelli fil-Kungress. Din ser tkun nhar it-12.06.25 .

50.04.08 Nhar l-20.05.25 irċevejna Cir AKL 2025/036_Buildings lit up in red 1st to 14th June - World Blood Donor Day.

50.04.09 Nhar il-21.05.25 l-Assoċjazzjoni bagħtitilna korrispondenza mingħand is-Sa Lucy Slack mill-Commonwealth Local Government Forum (CLGF) rigward seminar li se jsir online nhar il-Ħamis 22.05.25.

50.04.10 Nhar il-21.05.25 irċevejna stedina għall-cities forum li ser issir ġewwa l-Polonja. L-avveniment se jġib flimkien rappreżentanti tal-belt, dawk li jfasslu l-politika, u esperti ewlenin, u joffri lill-parteċipanti l-opportunità li jidħlu f'diskussjonijiet sinifikanti u jaqsmu soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi urbani.

50.04.11 Nhar it-22.05.25 il-Maniġer tal-Ambjent informa lill-Kunsilli Lokali li r-Reġjun ser ikun qed jibda jagħmel risk assessments tal-ispazji pubbliċi primarjament playgrounds, gyms u ġonna. L-MCCAA ser ikunu qed jagħmlu rapport tal-ispezzjoni biss u mhux ser ikunu qed jinfurzaw. Huwa f'idejn kull kunsill lokali li volontarjament inaqqas/issewwi kull riskju jew tħassib identifikat.

50.04.12 Nhar it-22.05.25 il-President informa lis-Sur Bilocca CEO ta' Wasteserv, li skont statistika li saret mill-Maniġer tal-iskart qed isir abbuż mill-kuntrattur li jopera fil-lokalitajiet tal-Imdina, Ħad-Dingli u r-Rabat. Dan hekk kif il-medja hija ta' madwar 325kg per Capita, Mdina (399.26kg), Dingli (401.58kg) u Rabat (385.74kg) jirrapurtaw figuri għoljin.

50.04.13 Nhar it-22.05.25 bgħatna ittra ta' ringrazzjament lis-Surġent Micallef li ser tkun qed ittemm il-kariga mat-tim tal-puluzija tal-komunita fil-lokalitajiet ta' Mdina, Rabat u Dingli.

50.04.14 Nhar it-23.05.25 irċevejna Cir AKL 2025/037- Life Skills lab promotion through local councils.

50.04.15 Nhar it-23.05.25 irċevejna Cir AKL 2025/038 Post Vakant Assoċjaazzjoni Kunsilli Lokali - International Affairs and EU Projects Manager (Skala 7)

50.04.16 Nhar it-23.05.25 irċevejna l-istatistika mill-ERA fir-rigward l-iskeda tal-iskart u s-separazzjoni obbligatorja (L-Ewwel Kwart).

50.04.17 Nhar it-23.05.25 irċevejna li s-sessjoni ta' taħriġ obbligatorja fl-istitut għas-servizzi Pubbliċi dwar il-Governanza ser tkun qed tiġi skedata mill-ġdid.

50.04.18 Nhar it-23.05.25 irċevejna stedina għal online workshop, organizzat minn Reġjun Nofsinhar bħala parti mill-Analiżi Territorjali (TA) ESPON VREPO dwar ir-Reżiljenza. Dan il-workshop huwa pass ewlieni fl-isforz kondiviż sabiex jiġi żviluppat rakkomandazzjonijiet ta' politika prattiċi u bbażati fuq il-post u strateġiji ta' implimentazzjoni li se jsaħħu l-ippjanar tar-reżiljenza fir-reġjuni parteċipanti – inklużi Flanders, Enschede, il-Litwanja, Malta, PACA – u biex titrawwem kollaborazzjoni transreġjonali dwar sfidi komuni ta' reżiljenza. Għalih attenda il-Maniġer tal-Ambjent

50.04.19 Nhar it-23.05.25 il-President bagħat lid-DG Vassallo talba ghal-rifuzjoni ta' Rejects mhux moghtija ghas-snin 2023 u 2024; Rifuzjoni tal-ammonti mogħtija / mislufa; u Ftehim mal-PROs.

50.04.20 Nhar is-26.05.25 irċevejna mill-għaqda tal-Malti dwar Żanżan Kelma 2025, l-ortografija annwali tagħna bil-Malti li ssir b'kollaborazzjoni mar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta bħala parti mill-programm tal-Jum Ewropew tal-Lingwi. Staqsew jekk il-kunsilli ikunx lesti li joffru spazju għal tliet sessjonijiet (sagħtejn kull waħda). Qed jimmiraw li jorganizzaw tliet sessjonijiet f'kull wieħed mis-sitt reġjuni. Il-Kunsilli Lokali ta' Siġġiewi u tar-Rabat urew interess li jipparteċipaw.

50.04.21 Nhar is-26.05.25 irċevejna mis-Sur Tabone, rigward taħlit ta' skart kummerċjali ma' skart residenzjali. Infurmajna li Wasteserv twettaq spezzjonijiet fuq l-iskart kollu li jkun dieħel fil-faċilitajiet kollha. Kwalunkwe ksur maħruġ lil kolletturi jintbagħat permezz ta' email għall-maniġment reġjonali. Bagħtilna rapport li jindika r-rapporti kollha maħruġa lill-kolletturi tar-Reġjun tal-Punent għall-iskart ikkunsinnat f'isem ir-Reġjun imsemmi mill-2023 sal-lum. Hu ippropona xi azzjonijiet sabiex jgħinu r-Reġjun:

- Jibagħtulna rapport ta' kull ġimgħa bit-tranżazzjonijiet kollha u r-ritratti rilevanti tal-kunsinni mit-trasportatur identifikat f'isem ir-Reġjun.
- Jipprovdulna data speċifika tal-Kunsill Lokali qabel l-2023 għar-reġjun biex nqabblu it-tunnellaġġ attwali li jidħol mat-tunnellaġġ wara r-reġjonalizazzjoni.

50.04.22 Nhar is-27.05.25 irċevejna mill-Assoċjazzjoni Request for Meeting – TIPS4UA Project Delegation Visit. Ser tkun qed tospita delegazzjoni ta' Sindki u esperti tal-muniċipalitajiet mill-Ukraina li jirrappreżentaw 3 ibliet. iż-żjara hija skedata għal ġimgħa f'Settembru b'ġimgħa addizzjonali ddedikata għall-iskambju tekniku ma 'esperti tal-belt. l-għan huwa li taqsam l-esperjenza ta' Malta fl-innovazzjoni tal-governanza lokali, l-iżvilupp sostenibbli u l-involviment tal-komunità.

50.04.23 Nhar is-27.05.25 irċevejna PQ 27586-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Credit/Debit cards.

L-ONOR Toni Bezzina staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali:

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 23595 fejn intqal li l-informazzjoni kienet għadha qed tinġabar, issa li għaddew ix-xhur, jista' l-Ministru jgħid jekk l-entitajiet li jaqgħu taħtu jagħmlux użu minn credit/debit card pubblika u min għandu l-faċilità li juża kull credit/debit card?
Għal xiex tintuża kull credit/debit card u x'inhu l-limitu ta' nefqa kuljum għal kull credit/debit card?
Jista' jgħid ukoll x'kienet in-nefqa minn April 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar u xi nxtara, item item, b'din il-credit/debit card?
Tweġiba: Ir-Reġjun Punent m'għandux Debit/Credit Card

50.04.24 Nhar is-27.05.25 il-President bagħat il-kuntratti ta' kooperazjoni fuq il-libreriji pubbliċi lill-Kunsilli Lokali sabiex jara hemmx qbil fuqhom.

50.04.25 Nhar is-27.05.25 irċevejna mit-tim Horizon Europe dwar fondi Cascade: Sejħa għal programm ta' Replikazzjoni u Skjerament, maħsub biex jindirizza nuqqasijiet/sfidi fit-trasport.

NetZeroCities: Ftuħ ta' sejħa ġdida għal ġemellaġġ ma' bliet ta' missjoni. Miftuħa mit-3 ta' Ġunju sat-12 ta' Settembru.

P2R: Sejħa biex tgħin lir-reġjuni/muniċipalitajiet/distretti/bliet vulnerabbli jitħejjew għal futur reżiljenti għall-klima. Is-sejħa għadha kemm fetħet imma se tagħlaq fl-20 ta' Awwissu.

50.04.26 Nhar is-27.05.25 il-Maniġer tal-Proġetti informa lis-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi sabiex jibgħatulna indikazzjoni dwar fl-liema stadju wasal ix-xogħal fuq SPI/SCI/10/2022.

50.04.27 Nhar it-28.05.25 id-DPO bagħtilna korrispondenza mibgħuta mill-IDPC sabiex nagħtu

raġuni għat-twaħħil tal-kamera li tinsab fit-triq qrib il-Kappella ta' Binġemma kif ukoll ritratt *live* maqbud mill-kamera. Din hija CCTv mwaħħla mir-Reġjun Punent b'koordinament mal-Kunsill Lokali Rabat għal ħarsien minn abbuż ta skart.

50.04.28 Nhar it-28.05.25 il-Maniġer tal-Ambjent flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma l-Inġinier sabiex jingħalaq il-proġett tac-CCTV's.

50.04.29 Nhar id-29.05.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lil Kunsilli Lokali u NGOS li il-Malta Council for Voluntary Sector (MCVS) bis-sapport tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat fetħu l-iskema Small Initiative Support Scheme għas-sena 2026. L-oqsma kollha huma eliġibbli, minn dawk sportivi, dawk relatati mal-ambjent, arti, kultura, saħħa, diżabbilità kif ukoll edukazzjoni.

50.04.30 Nhar it-30.05.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-Kunsilli Lokali u NGOS li il-Malta Council for Voluntary Sector ser ikun qed jorganizza taħriġ onlajn fuq Mental First Aid għall-membri volontarji.

50.04.31 Nhar it-30.05.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li il-Malta Council for Voluntary Sector ser tkun preżenti waqt il-Malta Trade Fair u se tagħti l-opportunita lill-għaqdiet li jkunu preżenti fl-istand tagħha bejn 26.06.25 sa 06.07.25.

50.04.32 Nhar it-30.05.25 irċevejna mis-Sur Agius sabiex nibgħatulu aġġornament relatat ma SPI/SCI/10/2022 l-iżvilupp u titjib tal-latrini pubbliċi.

50.04.33 Nhar it-30.05.25 irċevejna mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u drittijiet tat-tfal dwar avveniment bl-organizzazzjoni ta' Family Scavenger Hunt nhar 21.06.25 immirata biex trawwem spirtu tal-komunità, tinkoraġġixxi l-kollaborazzjoni tal-familja u tippromwovi impenn sinifikanti tal-familja.

50.04.34 Nhar il-31.05.25 irċevejna Ċirkulari 02-2025 - Attivitajiet Pubbliċi bl-Involviment ta' Annimali.

50.04.35 Nhar il-31.05.25 irċevejna stedina mill-JMI għat-80 JMI Global u AGA ġewwa l-Ungerija.

50.04.36 Nhar it-2.6.25 is-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL bagħtitilna komunikat mis-Sur Bizarro mill-Covenant of Mayors. Il-Kummissjoni Ewropea Energy Poverty Advisory Hub qed jorganizza konsultazzjoni online dwar il-faqar tal-Enerġija. Jixtieq kelliem minn Malta sabiex jaqsam l-esperjenza fl-inirizzar tal-faqar tal-enerġija fis-sajf. Il-Maniġer tal-Ambjent ser ikun qed jipparteċipa f'isem ir-Reġjun.

50.04.37 Nhar it-02.06.25 irċevejna Save the Date għar Regional Culture Mini Conference imtella' mill-Kunsill Malti għall-arti li saret nhar l-04.06.25. Attenda għal event u għamel preżentazzjoni il-President u Segratarju Eżekuttiv.

50.04.38 Nhar it-02.06.25 iltaqa' għat-tieni darba il-Kunsill Reġjonali tat-tfal.

50.04.39 Nhar it-03.06.25 il-Maniġer tal-Iskart informa lid-Direttur Galea dwar problema li qed naffaċċjaw dwar ċ-ċarezza tal-allokazzjoni tas-sehem tas-suq tal-PRO (GreenPak u GreenMT) mit-Tieni Kwart tal-2024 sal-lum. Infurmah li ġejna infurmati minn PRO wieħed li seħħet bidla fis-sehem tas-suq, filwaqt li l-PRO l-ieħor indika li ma kien hemm l-ebda bidla. L-aħħar informazzjoni uffiċjali li għandna tibqa' qasma ta' 65% (GreenPak) u 35% (GreenMT).Barra minn hekk, ikkuntattjajt lis-servizz tal-konsumatur tal-ERA diversi drabi rigward din il-kwistjoni u ġejna indirizzati ripetutament lit-tim tal-Permessi. Sfortunatament, sal-lum ma waslet l-ebda tweġiba. Din in-nuqqas ta' ċarezza qed toħloq inċertezza operattiva fir-reġjuni kollha. Intbagħtet tfakkira nhar it-13.06.25.

50.04.40 Nhar it-03.06.25 id-DG Vassallo bagħtilna stħarriġ importanti sabiex jiġi mimli mill-kunsilliera. Dan ser iservi biex jiġu identifikati sfidi komuni u esplorati soluzzjonijiet. It-tweġibiet kollha jkunu anonimizzati u inklużi f'rapport li jiġi ppubblikat.

50.04.41 Nhar l-04.06.25 il-President flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew il-konferenza organizzata mill-ACM.

50.04.42 Nhar l-04.06.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Malta Council for Voluntary Sector (MCVS) se tkun qed torganizza sezzjoni ta' taħriġ onlajn għall-għaqdiet volontarji. Dan it-taħriġ se jkun qed jipprovdi strateġiji biex l-għaqdiet jibnu u jsaħħu r-relazzjonijiet mal-benefatturi u l-isponsors tagħhom.

50.04.43 Nhar l-04.06.25 irċivejna stedina għall-webinar mingħand il-Malta Intelligent Energy Management Agency. Dan ser ikun dwar Il-Faċilità tal-Komunitajiet tal-Enerġija Ewropej li hija proġett iffinanzjat mill-UE bl-għan li jagħti s-setgħa u jappoġġja l-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija madwar l-Ewropa.

50.04.44 Nhar il-04.06.25 il-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej staqsiet lill-Housing Authority jekk il-Kunsilli Lokali humiex eliġibbli biex japplikaw taħt il-Housing Development Fund. Dan il-fond ser jerġa jkun miftuħ wara Settembru 2025.

50.04.45 Nhar l-04.06.25 il-President irċieva stedina mingħand ACR+ għal sessjoni Soil Start-Up: Engaging Regions and Cities in Soil Health Living Labs. Se tesplora kif il-gvernijiet lokali u reġjonali jistgħu jieħdu rwol ewlieni fit-titjib tas-saħħa tal-ħamrija billi jinvolvu ruħhom ma' Soil Health Living Labs (SHLLs). Organizzata fil-qafas tal-Missjoni tal-UE "A Soil Deal for Europe," dan l-avveniment jiġbor flimkien l-awtoritajiet pubbliċi, l-imsieħba tal-Missjoni Soil, u l-partijiet interessati fil-livell tal-UE biex jaqsmu esperjenzi u prattiċi għad-disinn, il-finanzjament, u l-ġestjoni ta' SHLLs.

50.04.46 Nhar il-05.06.25 il-President bagħat lill-Ministru Camilleri sabiex terġa tiġi ikkunsidrata l-iskema ta' fondi tal-LESA fejn intużaw servizzi waqt attivitajiet imtella' mill-Kunsilli Lokali/NGO's u għaqdiet volontarji. Il-Ministru Camileri weġibna li l-għajnuna ser tiġi mġedda biex nassistu kemm nifilħu għaqdiet volontarji b'dan is-servizz.
DG Vassallo informa lill-President li l-fond reġa' ġie mġedded u ser jibda jitħaddem bi struttura differenti b'kollaborazzjoni mal-ministeru tal-Kultura.

50.04.47 Nhar il-05.06.25 irċivejna Cir AKL 2025/039_ALL DIGITAL Summit 2025. Dan is-Summit hu opportunità importanti għall-kunsilli lokali u Reġjonali biex jiddiskutu t-trasformazzjoni diġitali, it-tisħiħ tal-komunitajiet permezz tat-teknoloġija, u r-rwol tal-gvern lokali f'soċjetajiet aktar inklussivi diġitalment.

50.04.48 Nhar il-05.06.25 is-Sa Doughty infurmatna dwar il-proġett 60+ li Teatru Malta qed itellà flimkien ma l-Anzjanità Attiva u r-Reġjuni. Id-diretturi qed jaħdmu ma' parteċipanti li huma l-fuq minn sittin sena u jgħallmuhom teknikalitajiet teatrali. Ġew magħżula l-iskritti li ser jaħdmu fuqhom wara is-Sajf. Dawn huma kollha xogħlijiet letterarji Maltin minn awturi ta' fama u huma kollha kummiedji. Staqsewna sabiex nassistu fit-transport għal ġurnata waħda mill- lokalita ta' fejn qed jaħdem il-grupp saċ-Ċirkewwa u mill-Imġarr sal- Lokalita meħtieġa Għawdex u lura.

50.04.49 Nhar is-06.06.25 il-President ġie mistieden għal laqgħa fis-26.6.25 dwar il-ġbir tal-iskart bil-lejl. Infurmajtu sabiex tali laqgħat isiru tard wara nofsinhar minħabba impenji ta' xogħol.

50.04.50 Nhar is-06.06.25 irċevejna Cir AKL 2025/040_MBDF - User guidelines (EU Accessibility Act)

50.04.51 Nhar is-06.06.25 irċivejna mingħand is-Sur Camilleri, President tal-Wolfpack Airsoft Club Malta. Staqsa jekk il-Kunsill Lokali fi ħdanna għandhomx xi żoni abbandunati jew mhux użati taħt ir-responsabbiltà tagħhom li jistgħu jiġu kkunsidrati għal kiri temporanju jew użu permess. L-għan huwa li jużaw spazju bħal dan biex jospitaw avvenimenti ta' taħriġ fuq skala żgħira għall-membri fi tmiem il-ġimgħa — tipikament għal mhux aktar minn 3 sa 4 sigħat. Dawn is-sessjonijiet iservu bħala taħriġ atletiku strutturat skont l-isport tagħhom.

50.04.52 Nhar is-06.06.25 is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet għall- approvazzjoni sabiex napplikaw penali ta’ 60 jum fuq SPD 5/2023/035 (iffirmat fis-26/03/2024), li jammontaw għal €12,000. Dan jikkorrobora l-paġna 11, Taqsima 2, Artikolu 21.2 u l-paġna 59, Taqsima 3 Artikolu 3 tal-kuntratt tal-ftehim qafas, li jagħmlu referenza għall-penali ta' kuljum applikabbli ta' €200. Intbgħatet tfakkira fit-13.06.25 u fis-16.06.25. Irċevejna tweġiba mid-DG fis-16.06.25 *The Regional Council's request has been processed by the Local Government Division as well as by the Permanent Secretary's office and has been duly forwarded for the attention of DG Contracts.* Fl-20.06.2025 ta’ Ġunju irċivejna mingħand DG Vassallo - *Please refer to SOP – all approvals from our end have been completed and you may proceed with the step indicated in 5.4 of the SOP*

50.04.53 Nhar id-09.06.25 irċivejna INVITATION: National Conference on Malta’s Second Voluntary National Review Review on the Implementation of the 2030 Agenda for Sustainable Development.

50.04.54 Nhar id-09.06.25 irċivejna Invitation for the SEDEC Conference li ser issir nhar 16.06.2025 mingħand Reġjun Lvant. Li se jkun qed jospita -Konferenza SEDEC li ġejja, bit-titlu “L-Isfruttament tal-Intelliġenza Artifiċjali Ġenerattiva (AI) biex Tittejjeb l-Edukazzjoni, l-Impjiegi, u s-Sostenibbiltà Ambjentali”. Il-President attenda ghal din l-konferenza.

50.04.55 Nhar id-09.06.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej għaddiet ngħaddielkom informazzjoni dwar l-iSkema ta’ Għotjiet Żgħar għall-Kwalità tal-Ħajja 2025. L-iskema ġiet imnedija mill-Ministeru għall-Inklużjoni u Volontarjat (MIV).

50.04.56 Nhar l-12.06.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l- Energy and Water Agency (EWA) flimkien mal-Malta Council for Voluntary Sector (MCVS) ħabbru inizjattiva finanzjarja sa massimu ta’ €5,000 (VAT inkluża) biex jintużaw fuq studju tekniku relatat mal-konsum tal-enerġija u l-ilma.

50.04.57 Nhar il-11.06.25 irċevejna kjarifika mill-bord ta’ Evalwazzjoni b’referenza għall-iskema SPI/SCI/03/2025 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa.

50.04.58 Nhar 11.06.25 iricvejna mil-Wasteserv ir-rapport tar-*rejects* għal kampjun li kien sar f’Marzu li kien ta 22.68%

50.04.59 Nhar it-12.06.25 is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-ittra li tawtorizza t-tnaqqis fil-garanzija bankarja fir-rigward tal-Kuntratt SPD05/2023/035. Kif ukoll kopja tal-kuntratt u ċ-ċertifikat ta' aċċettazzjoni proviżorja maħruġ mill-inġinier.

50.04.60 Nhar it-12.06.25 irċevejna stedina mingħand Horizon Europe dwar opportunitajiet li ġejjin f'NetZeroCities. Rappreżentant minn NetZeroCities se jipprovdi aktar informazzjoni dwar dan il-proġett, l-għanijiet tagħhom u kif il-bliet jistgħu jiksbu assistenza mill-opportunitajiet li se jippreżentaw. Ser ikun hemm webinar nhar l-20.06.25.

50.04.61 Nhar it-12.06.25 irċevejna stedina għall-avveniment ta’ komunikazzjoni dwar il-Pjan Soċjali għall-Klima għal Malta nhar it-18.06.25. Dan qed jiġi organizzat bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika li għaddejja dwar il-Pjan, u għandu l-għan li jipprovdi lill-Kunsilli Lokali b’informazzjoni dwar l-objettivi u r-rilevanza tiegħu fil-livell tal-komunità. Is-sessjoni se tiġi indirizzata mill-Ministru għall-Fondi Ewropej u l-Implimentazzjoni tal-Manifest Elettorali, Dr Stefan Zrinzo Azzopardi. Għaliha attenda il-Maniġer tal-Ambjent.

50.04.62 Nhar it-13.06.25 irċivejna Cir AKL 2025/041_Invitation to Green at You Masterclass | Friday 20 June 10:00 - 11:30 online.

50.04.63 Nhar it-13.06.25 irċivejna mill-Assoċjazzjoni li b’riżultat tal-ftehim ta’ sħubija ffirmat is-sena l-oħra bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Kungress Dinji tal-Ismart City Expo,

l-Assoċjazzjoni assigurat ftit passes għall-viżitaturi għall-Kungress Dinji tal-Ismart City Expo 2025 li ġej, li se jsir f'Barċellona mill-4 sas-6 ta' Novembru 2025. Permezz ta' din il-kollaborazzjoni, jistgħu joffru żewġ biljetti b'xejn għal kull Kunsill Reġjonali, benefiċċju nnegozjat bħala parti mill-isforzi kontinwu biex isaħħu l-impenn internazzjonali u l-opportunitajiet ta' tagħlim għall-awtoritajiet lokali u reġjonali.

50.04.64 Nhar it-13.06.25 irċevejna mill-Fondazzjoni għall-konservazzjoni tan-naħla Maltija, ser ikunu qed iniedu eBook ġdid A Day in the life of Katerina. Dan ser ikun qed isaħħaħ l-avventuri ta' naħla tal-Għasel Maltija filwaqt li jsaħħaħ t-temi edukattivi tal-kanzunetta naħla Katerina.

50.04.65 Nhar is-16.06.25 irċevejna mis-Sa Cauchi fejn infurmatna li mhux ser tibqa' isservi fil-Kunsill Malti għall-Arti. Issa ser tkun qed tieħu rwol ġdid fi ħdan Xjenza Malta -Esplora. Ringrazzjament speċjali tas-servizz li tat lil arti f'Malta u lir-Reġjun talli dejjem kienet ta' għajnuna.

50.04.66 Nhar is-16.06.25 il-Maniġer tal-Ambjent informa lill-Ing Mark Farrugia fejn infurmah li r-Reġjun jixtieq jkabbar l-opportunità tas-software ibbażat fuq il-web biex tkopri flussi ta' xogħol addizzjonali, eż. ġbir u rappurtar tal-iskart, filwaqt li nestendu wkoll l-aċċess għal formola pubblika fejn ir-residenti jistgħu jissottomettu rapporti li mbagħad jiġu riveduti minn kull Kunsill Lokali rispettiv qabel ma jmorru għand il-kuntrattur/i rispettiv/i.

50.04.67 Nhar is-16.06.25 irċivejna mill-Arts Council fejn infurmawna li l-Programm ta' kooperazzjoni Kulturali Reġjonali 2025 ġie mniedi u ser tkun qed issir sessjoni ta' informazzjoni elettronika. Għaliha ser tattendi il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej.

50.04.68 Nhar is-16.06.25 il-Maniġier tal-Ambjent informa lis-Sa Biondani dwar is-sessjoni li ser ikun qed iħejji nhar l-1.7.25 dwar sfidi u opportunitajiet fir-rinnovazzjoni u sorsi rinnovabbli f'Malta.

50.04.69 Nhar is-16.6.25 il-Maniġier tal-Ambjent informa li ser ikun qed jattendi għal konferenza organizzata mill Fondi.eu dwar il-Fond soċjali għall-klima.

50.04.70 Nhar l-01.07.25 ser tibda taħdem mar-Reġjun Punent student part-time mill-iskema IPS Summer Plus Programme sa l-aħħar ta' Settembru.

50.04.71 Nhar it-03.07.2025 ser titella' it-tielet produzzjoni tal-Arts for Social Change ġewwa Ħal Kirkop u nhar id-29.07.25 ser tittella' ir-raba' waħda ġewwa Ħad-Dingli.

**50.05 Tweġibiet għall-mistoqsijiet**

50.05.01 Is-Sindku tal-Mdina staqsa jekk hux possibli li jibda jsir tindif u jintużaw il-fondi tar-Reġjun tal-Major clean up jistgħux jintużaw biex isir ħasil tal-pjazza darba fil-ġimgħa il-għaliex li qed jsir bħalissa mhux biżżejjed.

-

50.05.02 Is-Sindki qablu li ssir attivita' ta' networking għal dan is-sajf għal membri tal-KRP

50.05.03 mIs-Sindku tar-Rabat qal li ser jkollu laqgħa ma' ERA u PA rigward il-problemi ambjentali tal-barriera ta' Tlata. Il-President offra l-għajnuna permezz tal-Maniġer tal-Ambjent.

50.05.04 Is-Sindku ta' l-Mqabba qalet li bagħtet email biex tara jekk hemmx xi żvilupp fuq il-Kumitat Konġunt li s'issa għadna ma nafux x' ser jiġri dwaru.

50.05.05 Is-Sindku ta' l-Mqabba talbet sabiex ir-Regjun jorganizza laqgħa mal-Lesa sabiex jiġu diskussi problemi amministrattivi u finazjarji li l-Kunsilli Lokali jkollhom.

50.05.06 Is-Sindku ta' l-Mqabba talbet sabiex ir-Regjun jorganizza laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli dwar problemi li l-Kunsilli Lokali jiffaċċjaw mal-ERA u Enemalta fost oħrajn.

50.05.07 Is-Sindku ta' Ħal Safi staqsa jekk sarx follow-up meeting fuq il-laqgħa li kienet saret ma' TM.

**50.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti**

50.06.01 Kwotazzjoni RFQ222/2025 – Request For Quotation for AGM Catering

50.06.02 Kwotazzjoni RFQ223/2025 – Request For Quotation for the Purchasing of Customized Polo Shirts.

50.06.03 Kwotazzjoni RFQ224/2025- Request For Quotation for the Promotional T-shirt printing

50.06.04 Kwotazzjoni RFQ225/2025 Request For Quotation for the Cleaning of Bins

50.06.05 Kwotazzjoni RFQ226/2025 Request For Quotation for JBL and Microphone Set

**50.07 Approvazzjoni ta' Xiri**

**50.07.01** Kwotazzjoni RFQ222/2025 – Request For Quotation for AGM Catering

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna 3 offerti. Il- President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' L-Imqabba is-Sa Grace Zerafa

**50.07.02** Kwotazzjoni RFQ223/2025 – Request For Quotation for the Purchasing of Custimized Polo Shirts

Il-President informa li ntbagħtu erba' inviti għal kwotazzjoni li minnhom ma irċevejna l-ebda offerta. Ser nerġgħu nibgħatu għal kwotazjonijiet anke lill-fornituri ssuġġeriti waqt il-laqgħa.

**50.07.03** Kwotazzjoni RFQ224/2025 – Request For Quotation for Promotional T-Shirt Printing

Il-President informa li ntbagħtu erba' inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna offerta waħda biss. Il- President ippropona li din is-sejħa terġa toħroġ anke lill-fornituri ssuġġeriti waqt il-laqgħa.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi s-Sur David Michael Schembri

**50.07.04** Kwotazzjoni RFQ225/2025 – Request For Quotation for Cleaning of Bins

Il-President informa li ntbagħtu erba' inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna żewġ offerti. Il- President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' l-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa

**50.07.05** Kwotazzjoni RFQ226/2025 – Reuqest For Quotation for JBL Party Box and Michrophone Set.

Il-President informa li ntbagħtu erba' inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna zewg offerti. Il- President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**50.08 Skeda tal-Pagamenti Nu.38**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 37.

Proponent: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Sekondant: Is-Sindku ta' Mqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

**50.09 Reġjun Kapitali tal-Kultura**

Il-President ippropona biex tinħareġ sejħa biex jinxtraw *canopies* , mwejjed u barriers mill-fondi kapitali biex jkunu jistgħu jintużaw meta ir-Reġjun jkun il-Kapitali tal-Kultura 2027. Ippropona ukoll li toħroġ sejħa għal Direttur Artistiku għal dan l-avveminent

Sekondant: Is-Sindku tar Rabat is-Sur Sandro Craus

Il-Kunsill qabel unanimament.

**50.10 Għeluq tal-proġett CCTV**

Il-President informa li sar qbil fuq il ħlas finali bejn il kuntrattur u r-Reġjun Punent. Abbażi ta' dewmien min-naħa tal-kuntrattur ser jitnaqqsu Eur12,000 exc VAT mit-total li jsarfu ekwivalenti ta' xahrejn penali. Il-President ippropona sabiex il-ħlasijiet esterni kwotati f dan it tender SPD5/2023/035 Art8.3 ta Sec 2, inkluz RWP site plans, RWP fees, archeological monitoring u dak kollu assoċjat ma tibdiliet u żidiet taħt din il-kategorija jitħallas mir-Reġjun flok kif kien stipulat minn kull Kunsill Lokali. Dan jgħodd biss għax-xogħol li diġa sar2. Kull permess addizzjonali fil-ġejjien irid jiġi kopert mill-Kunsill.

Sekondant: Is-Sindku ta' Siggiewi is-Sur Julian Borġ
Il-Kunsill qabel unanimament

**50.11 Materji Oħra**

**50.11.01 Letter of no objection – Festi**

Is-Sindku tal-Mqabba qalet li l-Kunsill Lokali qed isib diffikulta' biex japplika għal uffiċjali tal-LESA fil-festi għaliex qed tiġi mitluba ittra ta' *no objection* mit-TM mal-applikazzjoni.

Din qed toħloq diffikulta' biex jinstabu uffiċjali għall-għeluq tat-toroq speċjalment f' Awwissu. Il-President ippropona li ssir laqgħa mal-LESA biex jiġu diskussi dawn id-diffikultajiet u oħrajn.

Sekondant: Is-Sindku ta' Mqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unananiment

**50.11.02 Public Libraries Co-Operation Agreement**

Il-President ressaq għad-diskussjoni il-Cooperation Agreement tal-Libreriji. S'issa dan il-ftehim ġie iffirmat minn Żurrieq, Safi, Siġġiewi u Rabat. Għad m'hemmx qbil ma' Mqabba u Qrendi u għalhekk ser jsir kuntatt sabiex issir laqgħa biex jiġu iċċarati l-affarijiet li kien hemm nuqqas ta' qbil fuqhom.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**50.11.03 Tender tal-Istreet Lightning**

Il-President qal li rigward it-tender tal-Street Lightning, ir-Reġjun għandu żewġ għażliet, jew li joħroġ sejħa biex jsiru l-ispeċifikazzjonijiet kif ser joħroġ it-tender jew inkella nikkollaboraw mal-UOM sabiex joħorġu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kemm għat-tender tad-dwal kif ukoll tas-software u l-app. Il-President ippropona li mmorru għat-tieni għażla peress li fil-UOM hemm persuni aktar tekniċi li jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David Michael Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**50.11.04 Ħatra ta' Segretarji Eżekuttivi– Regolamenti**

Il-President informa fuq talba li saritlu minn Sindku rigward il-proċess ta' ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv. Din il-materja ġiet diskussa mal-membri fir-Reġjun u kien hemm qbil li fil-bord tal-għażla għandu jkun magħmul minn dak deċiż mil-Kunsilli stess waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil li minħabba l-importanza tar-rwol ta' Segretarju Eżekuttiv għandu jkun hemm tal-inqas persuna waħda esterna b'kapaċitajiet fl-HR.

**50.11.05 Każin 60+ - Għajnuna bit-transport**

Il-Każin 60+ qed jorganizza Workshops madwar ir-Reġjun fejn parteċipanti ta' l' fuq minn 60 sena jitgħallmu teknikalitajiet teatrali. Qed jitħejjew produzzjonijiet biex jittellgħu fit-Teatru ta' San Vincenż u f'Għawdex. Il-President ippropona li bħala Reġjun ngħinu fit-transport meta dawn il-produzzjonijiet ikunu ser jittellgħu ġewwa Għawdex.

Sekondant: Is-Sindku ta' Żurrieq is Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

**50.12 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:15 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **il-Ħamis 17 ta' Lulju, 2025 fil-17:00**

| | |
|---|---|
| Sandro Azzopardi | Tania Farrugia |
| President Reġjun Punent | Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati llum